Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 91/2019: **NO DEPOSIT CARS MALTA LIMITED** (C85780) V. **ALFRED SPITERI** (K.I NRU 597743M)

(AMMONT DOVUT – KAPITOLU GĦAS-SUBIZZJONI – EFFETT TAL-KUNDIZZJONI RIŻOLUTTIVA F'KUNTRATTI – KAP. 16, ART. 1067 – DRITT LI L-KREDITUR JITLOB LI TIĠI EŻEGWITA L-OBBLIGAZZJONI MINFLOK IR-REXISSJONI TAL-KUNTRATT– KAP. 16, ART. 1069(1))

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**3 ta' Mejju 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' No Deposit Cars Malta Limited ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fl-10 ta' Mejju 2019,

wara li rat ir-risposta ta' Alfred Spiteri ("l-intimat") ippreżentata fit-3 ta' Diċembru 2019[1]

wara li rat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimat ppreżentat mir-rikorrenti fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2020[2],

wara li rat illi l-intimat naqas milli jidher fis-seduta tat-8 ta' Frar 2021 sabiex iwieġeb għad-domandi in subizzjoni biex b'hekk il-Qorti qieset li ġie ammess il-kapitolu ppreżentat fis-seduta preċedenti,

wara li rat id-dokumenti kollha esebiti fil-kawża inkluż l-affidavits maħlufa ppreżentati mir-rikorrenti,

qed tagħti din is-

**Sentenza**

[1] Fol 14
[2] Fol 32

1. Ir-rikorrenti qed titlob mill-intimat il-ħlas t'għaxart elef u tletin Ewro (€10,030) oltre l-interessi sad-data effettiva tal-ħlas, somma li tirrappreżenta bilanċ ta' prezz ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KQZ 641, liema vettura r-rikorrenti biegħet lill-istess intimat bis-saħħa ta' *Hire and Purchase Agreement* datat 1 ta' Settembru 2018.

2. Fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2019 wara li dehret l-avukat tal-intimat il-Qorti tat ċans lill-istess intimat għoxrin ġurnata sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu. Huwa għamel dan fit-3 ta' Diċembru 2019 meta rrisponda (tramite il-prokuratur tiegħu) illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex huwa qatt ma' daħal fl-ebda kuntratt magħha u għalhekk m'għandu jtiha xejn.[3]

3. Fid-9 ta' Marzu 2020 il-Qorti ġiet infurmata li l-partijiet kienu qed jesploraw il-possibilità li jittransiġu l-kawża. Madanakollu fis-26 ta' Ottubru 2020 il-Qorti ġiet infurmata li dawn it-tentattivi sfumaw fix-xejn. Fit-30 ta' Novembru 2020 ir-rikorrenti ppreżentat żewġ affidavits maħlufa ta' rappreżentanti tagħha u peress li l-intimat u l-prokuratur tiegħu ma' kienux preżenti, fuq awtorizzazzjoni tal-Qorti hija ppreżentat kapitolu għas-subizzjoni tal-istess intimat. Fil-kapitolu, ir-rikorrenti talbet lill-intimat '*jipprova bil-ġurament li huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors*'. Il-kawża imbagħad *inter alia* tħalliet għas-subizzjoni tal intimat għat-8 ta' Frar 2021.

4. L-intimat u l-prokuratur tiegħu għal darb' oħra naqsu milli jidhru fis-seduta tat-8 ta' Frar 2021 u dan sabiex l-intimat iwieġeb għad-domanda tar-rikorrenti. Kien għalhekk li ġie verbalizzat li l-Qorti kienet qed tqis ammess il-kapitolu ppreżentat fis-seduta preċedenti.

**Il-liġi u l-każistika fir-rigward tal-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimat**

5. L-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta t-"*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*" jipprovdi testwalment kif ġej:

   *'171.(2) Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215.'*

6. L-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta imbagħad jipprovdi b'riferenza għall-Qrati Inferjuri illi:

[3] Fol 14

*'215. Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq.'*

7. L-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

    *'702(1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171.'*

8. L-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta però jipprovdi ukoll illi:

    *'699.(1) Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.*

    *(2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati'*

9. L-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

    *'713. Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell*.'

10. Kif diġà ngħad, it-talba għas-subizzjoni tal-intimat saret mir-rikorrenti fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2020.

11. Issa skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-każ f'din il-kawża:

    '702(3).(b) *il-Qorti għandha tħalli l-kawża għal darb'oħra … u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal.'*

12. Kif ingħad iżjed 'l fuq, wara li ġie ppreżentat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimat fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2020, din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-seduta tat-8 ta' Frar 2021 sabiex *inter alia* l-intimat iwieġeb għad-domanda tar-rikorrenti.

13. Meta fis-seduta tat-8 ta' Frar 2021 l-intimat (jew prokuratur tiegħu) naqas għal darb' oħra milli jidher sabiex iwieġeb għad-domanda tar-rikorrenti huwa effettivament ammetta illi huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors.

14. Fil-kawża **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** (Qorti tal-Appell Ċivili, 181/97/01JSP deċiża fit-28 ta' April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi

"*din ic-ċirkustanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.*"

15. Pero kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **Noel Sultana v. Tony Xerri** (App. Nru. 7/2009/1 PS – 07.07.2010):

"*... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process*".

16. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet ukoll fis-sentenza **James Trapani v. Vincent Cilia** (28.04.2000) illi:

*"ghalkemm il-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga prodotta quddiem il-Qorti".*

**Provi**

17. Il-kuntratt mertu ta' din il-kawża li jġorr id-data tal-1 ta' Settembru 2018[4] jistipula *inter alia* illi:

    1. L-intimat akkwista l-vettura in kwistjoni mir-rikorrenti għall-prezz ta' € 10,200 b'titolu ta' *hire purchase*,
    2. Il-prezz kellu jitħallas f'pagamenti mensili ta' € 170 il-wieħed kull ħamsa u għoxrin ġurnata tax-xahar.
    3. Fil-każ ta' morożita f'xi pagament, imqar wieħed, ir-rikorrenti jkollha dritt titlob il-ħlas immedjat tal-bilanċ flimkien mal-interessi u spejjeż anċillari.
    4. Il-partijiet ftehmu ukoll li fil-każ li l-bilanċ ma' jitħallasx fi żmien tletin ġurnata, il-ftehim jiġi terminat *ipso jure* u r-rikorrenti jkollha d-dritt li titlob lura u tirriprendi l-pussess tal-vettura mingħajr preġudizzju għal drittijiet oħra li jista' jkollha. Inoltre wara li tieħu l-pussess tagħha, r-rikorrenti jkollha d-dritt li tbiegħ il-vettura u tapplika r-rikavat għall-bilanċ.

18. Ta' min jgħid illi l-kuntratt esebit fil-proċess m'għandux il-firem tal-partijiet. Madanakollu fuq kull paġna hemm firma li tixbah ħafna lill-firma tal-intimat li tinstab fuq kull kambjala kif ukoll fuq ir-*Repayment Schedule* anness mal-kuntratt. Inoltre minn dak li jirriżulta mix-xhieda prodotti mir-rikorrenti l-Qorti m'għandiex għalfejn tiddubita illi filfatt il-partijiet kienu laħqu u kkonkludew il-ftehim in kwistjoni.

19. Fl-affidavit tiegħu **<u>Thorne Mangion</u>**[5], ħaddiem tal-kumpanija rikorrenti li jieħu ħsieb l-ħlasijiet mill-klijenti, stqarr illi:

    *"dan ġie ffirmat nhar l-ewwel (1) ta' Settembru elfejn u tmintax (2018} (il-"Kuntratt"), fejn is-Sur Spiteri għażel il-vettura tal-għamla Hyundai i20 targata KQZ641 (il-"Vettura") wara Ii kien ġie ġewwa x-showroom mat-tifel tiegħu Massimo. ls-sur Spiteri kien anke għamel test drive qabel ma ġie finalizzat il-Kuntratt ...*

    *ġie miftiehem illi l-Vettura tinbiegħ bil-prezz globali ta' għaxart' elef u mitejn Ewro (€10,200), b'pagamenti mensili ta' mija u sebgħin Ewro (€170) fuq medda ta' ħames (5) snin, u dan skond il-Payment Schedule illi ġiet miftehma wkoll dak il-ħin. Din il-Payment Schedule ġiet diskussa, aċċettata u ffirmata mill-istess Spiteri. Ngħid ukoll*

---

[4] Fol 3-5
[5] Fol 27

*illi Alfred Spiteri kien iffirma sittin (60) kambjala ta' mija u sebgħin Ewro (€170) il-waħda...*

*Is-sur Spiteri ġie infurmat ukoll illi sakemm il-prezz għall-Vettura jithallas kollu, il-Kumpannija tibqa' proprjetarja tagħha u Ii f'nuqqas Ii teffettwa I-pagamenti skont il-Kuntratt, il-Kumpannija kellha d-dritt illi tirkupra I-Vettura u tmexxi għall-ħlas tal-bilanċ kollu skond il-liġi ...*

*Alfred Spiteri ħallas pagament ta' mija u sebgħin Ewro (€170), u cioe' l- ewwel pagament mensili ai termini tal-Kuntratt illi hu kien iffirma mal-Kumpannija. Sussegwentement, is-sur Spiteri qatt ma għamel pagament ieħor...Aħna min-naħa tagħna konna nċemplulu diversi drabi biex iħallas. Jien kien irnexxieli nikkuntattjah diversi drabi, anke telefonikament. Regolarment kont infakkru x'bilanċ għandu jħallas b'lura ...*

*... Alfred Spiteri qalilna Ii kien konxju Ii qiegħed b'lura fil-ħlas, u kemm il-darba kien iwiegħdna Ii ġej iħallas, u kien isemmilna diversi skużi għalfejn qiegħed lura bil-pagamenti. Pero', għal xi raġuni jew oħra, xorta qatt ma ġie jeffettwa pagament ieħor. Għaldaqstant, kellna ninfurmaw Iii Alfred Spiteri li jekk jibqa' ma jħallasx, kien ser ikollna niġbru l-Vettura...*

*Ngħid illi kien Alfred Spiteri stess Ii rritorna l-Vettura barra x-showroom tal-Kumpannija. Nikkonferma wkoll Ii I-Vettura għadha sal-lum ma nbigħetx. ... Nikkonferma għalhekk illi sal-lum, il-bilanċ dovut minn Alfred Spiteri lil No Deposit Cars Malta Limited hu ta' għaxart' elef u tletin Ewro (€10,030).”*

20. **Luke Milton**, *manager* impjegat mar-rikorrenti fl-affidavit[6] tiegħu ftit jew wisq ikkonferma dak li xehed il-kollega tiegħu inkluż li l-bilanċ ta’ €10,030 għadu dovut mill-inimat.

**Kundizzjoni riżoluttiva espressa**

21. Kif ġa ngħad, fil-ftehim in kwistjoni il-partijiet ftehmu li fil-każ li l-bilanċ ma’ jitħallasx fi żmien tletin ġurnata, il-ftehim jiġi terminat *ipso jure.* Din hija kundizzjoni riżoluttiva espressa u japplikaw għaliha l-Artikoli 1066 *et. seq.* tal-Kodiċi Ċivili.

22. Ai termini tal-Art. 1067 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta:

[6] Fol 30

*'1067. Jekk il-kondizzjoni riżoluttiva hija espressa fil-kuntratt, dan il-kuntratt, meta l-kondizzjoni sseħħ, jinħall ipso jure, u l-qorti ma tista' tagħti ebda żmien lill-konvenut.'*

23. Jirriżulta mill-provi illi l-bilanċ tal-prezz tal-vettura għadu dovut sal-ġurnata tal-lum u għalhekk l-kundizzjoni riżoluttiva miftehma bejn il-partijiet, għal liema kundizzjoni l-partijiet ftehmu li jissoġġettaw l-validità tal-istess ftehim, avverat ruħha bin-nuqqas tal-intimat li jħallas lir-rikorrenti. L-effett tal-avveriment tal-kundizzjoni riżoluttiva **salv għal dak li ser jintqal fil-paragrafu sussegwenti** hija ukoll illi tpoġġi lill-partijiet fl-istess stat li kienu qabel ma' daħlu għall-ftehim (*status quo ante*) u dan ifisser illi ukoll illi l-prezz imħallas jiġi rifuż lura filwaqt li l-oġġett mibjugħ, ossia' l-vettura, tirritorna lura lill-bejjiegħ. F'dan ir-rigward l-Art. 1066 tal-Kap. 16 jiddisponi kif ġej:

*'1066. (1) Il-kondizzjoni riżoluttiva hija dik illi, meta sseħħ, tħoll l-obbligazzjoni, u terga' tqiegħed il-ħwejjeġ fl-istess stat bħal kieku l-obbligazzjoni ma kienet ġiet qatt magħmula.*

*(2) Din il-kondizzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, iżda, jekk il-ġrajja maħsuba fil-kondizzjoni tiġri, il-kreditur ikun obbligat irodd dak li jkun irċieva.'*

24. Madanakollu ai termini tal-Artikolu 1069 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

*'1069. (1) Meta l-kondizzjoni riżoluttiva, sew dik magħmula espressament kemm dik li titqies bħala magħmula, tkun għall-każ li fih waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet esegwita, tista' tagħżel, jekk il-kondizzjoni sseħħ, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt, jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibli.*

*(2) Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-konvenut jista' jiġi kkundannat għall-ħlas tad-danni.'*

25. Għalhekk ġaladarba l-kundizzjoni riżoluttiva f'dan il-każ hija marbuta man-nuqqas tax-xerrej li jeffettwa l-ħlas tal-bilanċ, r-rikorrenti bħala l-bejjiegħ kellha kull dritt, kif filfatt qed tagħmel f'din il-kawża, illi mhux titlob ix-xoljiment tal-kuntratt iżda li ġġiegħel lill-intimat jeżegwixxi l-obbligazzjoni li kellu jwettaq – ċioe l-ħlas lilha tal-bilanċ. Dan japplika ukoll nonostante li fil-ftehim innifsu hemm indikat illi l-kuntratt jiġi rexiss *ipso jure* f'każ tal-inadempjenza tax-xerrej.

**Deċiżjoni**

26. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ċioe:**

1. **Tikkundanna lill-intimat jħallas lir-rikorrent is-somma ta' għaxart elef u tletin Ewro (€10,030) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' vettura trasferita lilu bin-numru ta' reġistrazzjoni KQZ 641, bl-imgħax legali dekoribbli mid-data tal-notifika lilu tar-rikors promotur u bl-ispejjeż kollha tal-kawża kontrih,**

2. **Tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju ta' tletin (30) ġurnata mill-ħlas jieħu lura l-pussess tal-vettura mir-rikorrenti u fin-nuqqas tagħti l-fakolta' lir-rikorrenti sabiex fid-diskrezzjoni tagħha tiddepożita l-vettura ma' kunsinnatarju maħtur minnha taħt il-kura u kustodja tal-istess, bl-ispejjeż kontra l-intimat.**

V.G. Axiak | Y.M. Pace

Maġistrat | Dep. Reġistratur